# KULLEĠĠ T'GĦAWDEX

## EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2011

---

**IL-Ħames Sena** **MALTI KITBA** **Ħin:Siegħa u Kwart**

---

**Karta tal-istudent/a**

**Isem u Kunjom:** ____________________________

**Klassi:** ____________________________

**<u>Aqra sew din is-silta.</u>**

## L-ideja ta' Mastru Gerfex

Mastru Gerfex ħareġ bl-ideja brillanti li jibda jmur jiġġoggja. Aħjar ftit eżerċizzju milli d-dieta. Bi ftit tal-ġogging seta' jżomm figura pulita bla ma jiċċaħħad mill-ikel u mill-inbid li tant kien iħobb. Dik il-lejla fil-ħanut ta' Menzju l-kliem dar fuq mitt ħaġa, iżda għal Mastru Gerfex xejn ma kien interessanti daqs l-ideja tal-ġogging. *(par 1)*

Meta mar id-dar qala' kemm kaxxi u kxaxen kellu biż-żraben u sab il-papoċċ qadim u mqatta' li s-soltu jilbes meta jkun jiżbogħ jew jagħmel xi biċċa xogħol oħra fil-ġnien jew fil-garaxx! U mill-għada stess beda jxidd dan il-papoċċ u jmur jiġġoggja! *(par 2)*

Iżda martu Lugrezja bdiet tinkwieta għax dak il-papoċċ imżewwaq bl-ilwien kollha taż-żebgħa li kien uża matul is-snin kien se jġibu f'ilsien in-nies.... l-iktar meta tqis li kellu wkoll żewġ ventilaturi mnejn jittawlu subgħajh il-kbar! Li kien għax-xwejħa ma jmur jiġġoggja xejn, imma la ried bilfors imur, kellu ta' lanqas jixtri papoċċ pulit u jmur bih, biex quddiem in-nies joħroġ ta' nies. *(par 3)*

"Imma dan il-papoċċ qadim insibu artab, komdu u ħafif," baqa' jsostni hu. "Jgħidu li jridu n-nies. Dan jogħġobni u b'dan se mmur!" *(par 4)*

Ix-xwejħa Lugrezja tkellmet il-biċċa ma' bintha Maryanne u lil din ġielha ħsieb. "Il-Milied mhux bogħod, mama`," qaltilha, " u lill-papa` nistgħu nixtrulu "tracksuit" u "jogging shoes" bħala rigal tal-Milied. Imbagħad żgur li jilbishom għax inkella jonqos mill-etikett!"*(par 5)*

U meta l-Milied wasal Mastru Gerfex qala' rigal li għoġbu wisq. Il-familja ta' bintu Maryanne tawh "tracksuit" lewn l-inbid aħmar u "jogging shoes" abjad li malajr nessieh il-papoċċ qadim li kellu. U tant feraħ bihom li żanżanhom l-għada stess! *(par 6)*

(Mill-ktieb ta' Mastru Gerfex)

**A. Issa aqra, ifhem u wieġeb b' sentenzi sħaħ.**

**Tagħmilx żbalji fil-kitba. (17-il marka)**

1. X'kienet l-ideja brillanti ta' Mastru Gerfex?

___________________________________________

___________________________________________ (1)

2. X'għamel Mastru Gerfex meta mar lura d-dar mill-ħanut ta' Menzju?

___________________________________________

___________________________________________ (1)

3. X'kien l-inkwiet ta' Lugrezja, mart Mastru Gerfex?

___________________________________________

___________________________________________ (2)

4. Sib żewġ aġġettivi mis-silta li jiddeskrivu l-papoċċ ta' Mastru Gerfex. ______________ ______________ (2)

5. Ma' min fetħet qalbha Lugrezja dwar il-biċċa tal-papoċċ?

___________________________________________

___________________________________________ (1)

6. X'kienet l-ideja li kellha Maryanne?

___________________________________________

___________________________________________ (2)

7. **Mis-silta sib kelma jew frażi li jfissru dawn:**

- tkellmu dwar ħafna affarijiet (par. 1) __________________ (2)
- beda jilbes (par. 2) __________________ (2)
- kollu kuluri (par. 3) __________________ (2)
- ma jkollux manjieri tajba (par. 5) __________________ (2)

**B. Immarka bis-sinjal √ ħdejn kull sentenza hawn taħt Veru jew Falz. ( 8 marki)**

| | | **Veru** | **Falz** |
|---|---|---|---|
| 1. | Mastru Gerfex qal li bil-ġogging seta' jżomm figura pulita. | √ | |
| 2. | L-inbid ma kienx il-favorit ta' Mastru Gerfex. | | |
| 3. | Il-papoċċ ta' Mastru Gerfex kien ġdid fjamant. | | |
| 4. | Kien qiegħed joqrob il-Milied. | | |
| 5. | Ir-rigal m'għoġbux lil Mastru Gerfex. | | |
| 6. | Il-kulur tat-"tracksuit" kien aħmar. | | |
| 7. | Lewn il – "jogging shoes" kien abjad. | | |
| 8. | Lugrezja kienet mara mdaħħla fiż-żmien. | | |
| 9. | Ir-rigal li qala' refgħu u baqa' juża dak li kellu. | | |

**C. Aqta' sing taħt il-kelma li ma taqbilx mal-oħrajn. L-ewwel waħda lesta. ( 7 marki)**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Mastru Gerfex | Lugrezja | tifla | Maryanne | Menzju |
| 2. | ħafif | papoċċ | qadim | artab | komdu |
| 3. | dieta | dar | ġnien | garaxx | ħanut |
| 4. | ma kienx | ma qalax | ma setax | ma jmurx | ma' bintha |
| 5. | kaxxi | kxaxen | rigal | żraben | lwien |
| 6. | jilbes | jiżbogħ | ixidd | ferаħ | jiġġoggja |
| 7. | Ħal Għaxaq | Ħad-Dingli | Ħal Lija | Ħal Luqa | ĦalBalzan |
| 8. | tuffieħ | kaboċċi | karrotti | pastard | ħass |

**D. Oħroġ <u>aġġettiv fil-komparattiv jew fis-superlattiv</u> mill-kliem miktub fil-parentesi.**
**L-ewwel waħda lesta. (5 marki)**

1. Oħti <u>**akbar**</u> **(kbir)** minni b'sentejn.
2. Il-papoċċ ta' Mastru Gerfex __________ **(qadim)** miż-żarbun.
3. Mastru Gerfex _______________ **(xiħ)** minn martu Lugrezja.
4. Il-Milied hija ______________ **(sabiħ)** festa ta' matul is-sena għal ħafna nies.
5. Il-papoċċ kien qiegħed fuq _______________ **(għoli)** xkaffa.
6. Fl-Imdina ssib triq _________________ **(dejjaq)** minn oħra.

**E. Oħroġ verb mill-għerq li hemm fil parentesi.**
**L-ewwel waħda hija lesta. (8 marki)**

John **( m – w – r )** <u>**mar**</u> iqatta' l-vaganzi għand iz-zijiet tiegħu fl-Italja. Dakinhar kien se jmur mal-kuġina tiegħu Angela biex jara waħda mill-għadajjar sbieħ li kellhom ftit 'il bogħod mill-villa tagħhom. Malli **( w – s – l )** ________________ qrib ix-xatt, Angela **( q – għ – d )** _______ tgħidlu l-ismijiet kollha ta' dawk in-naħat. Wara ftit tal-ħin it-tfal qagħdu bil-qiegħda taħt siġra għad-dell u kielu l-frott li kienu ġabu magħhom. F'daqqa waħda jisimgħu lil xi ħadd jgħajjat u xħin **( ħ – r – s )** __________ raw lil xi ħadd f'nofs ix-xmara qed jegħreq. It-tfal ma kinux jafu x'jaqbdu jagħmlu! John **( t – l – q )** ________ jiġri u **( w – s – l )** ________ f'dar fil-qrib. **( ħ – b – b – t)** __________ fuq il-bieb u **( f – t – ħ )** ________ raġel xiħ. John qallu x'kien ġara u dan malajr **( ċ – m – p – l )** _____________għall-għajnuna.

**F. Imla l-vojt skont dak li hemm fil-parentesi.**
**L-ewwel waħda lesta. (10 marki)**

Kienet **ġurnata** (*kelma oħra flok* ***jum***) ta' kesħa xxoqq l-għadam. Il-___________ (*kelma waħda flok* ***ommi u missieri***) tiegħi kellhom bżonn imorru ___- msida (*ikteb l-artiklu*) għand iz-zija biex jgħinuha ftit fix-xogħol tad-dar peress li hi mara anzjana. Lili ħallewni d-dar waħdi għax ħasbu li ______________ (*in-negattiv ta'* ***kienu***) ser idumu. Wara ftit tal-ħin bdejt _____________ (*ifforma verb mill-għerq* ***S - M - GĦ***) l-passi fuq il-_________(*singular ta'* ***bjut****).* Bdejt tiela' ____-taraġ (*ikteb l-artiklu*) u dħalt f'________________ (*kelma waħda għall-****kamra tiegħi***) u sibt lill-qattusa, _______________(*ikteb* ***nom propju***) fuq is-sodda. Mela dik kienet! Erġajt inżilt ___________________ (*il-maqlub ta'* ***fuq***) u wara ftit infetħu bwieb is-sema. Biex tkompli tgħaqqad, inqata' d-dawl u aktar bdejt ____________________ (*ifforma verb mill-għerq* ***B – Ż – GĦ***). Poġġejt fuq is-sufan nistenna lill-ġenituri jaslu fi dlam ċappa.



**Ġ. Aqra sew. Ara x'hemm fil-parentesi.**
**Sib it-tweġiba t-tajba. <u>Wara imla l-vojt.</u>**
**L-ewwel waħda lesta. (10 marki)**

Kien <u>is</u>-Sibt ( *ikteb l-artiklu*) filgħodu, u ommi kienet imħabbta ħafna tipprepara __________ (*agħżel minn* ***għal, għal-, għall-*** ) festin li kienet se tagħmilli wara nofsinhar. Għall-ħabta tal-ħamsa bdew ġejjin qrabati u sħabi tal-klassi u kollha kienu qed iġorru magħhom ħafna ________________ (*plural ta'* ***rigal***). Wara li kilna kien wasal il-ħin biex _________________ (*preżent ta'* ***qsamt***) il-kejk u _______________ (*verb mill-għerq* ***F – T – Ħ***) ir-rigali li kienu ġabuli l-mistednin. Fost ir-rigali sibt ħafna _____________________ (*plural ta'* ***ktieb***) sbieħ u ħwejjeġ. Fl-aħħar kien imiss li niftaħ ir-rigali tal-ġenituri. Ir-rigal t' ommi kien kelb ______________ (*ikteb aġġettiv*). Kien ta' _____________ (*kelma oħra flok* ***kulur***) kannella. Il-papa` kien xtrali _____-ikel (*ikteb l-artiklu*) u dak kollu li kelli bżonn biex inrabbih. Dik kienet l-isbaħ ġurnata _____________ (*agħżel minn* ***ta ta' taha*** ) ħajti għax kienet l-ewwel darba li kelli _________________ (*singular ta'* ***annimali*** ) fid-dar.




**G. Ikteb komponiment ta' madwar 120 kelma dwar <u>WIEĦED</u> minn dawn is-suġġetti. (20 marka)**

1. **Jien qattus abbandunat.**

   Fejn tgħix? Kif issib x'tiekol? Kif tgħaddi l-jum? X'avventuri tgħaddi minnhom? Għid jekk intix kuntent b'din il-ħajja. Għid x'tixtieq fil-futur.

2. Ikteb storja li tibda:
   **Kont fi triqti lejn l-iskola meta waqqafni**............

   Min kien dak li waqqfek? X'ried minn għandek? X'għamilt biex tgħinu? Dakinhar mort skola?

3. **Il-Ħarġa ta' nhar ta' Ħadd.**
   Ma' min toħroġ? Xħin toħorġu? Fejn tmorru? X'tagħmlu?

4. Rita kienet miexja mal-ħabiba tagħha. Ħin minhom f'nofs għalqa raw għasfur kbir abjad. Resqu lejh u raw xi ħaġa mhux tas-soltu. Ikteb storja dwar dan u semmieha
   **"Għasfur Abjad".**

   Dawn il-punti jistgħu jgħinuk:

   - Liema ġurnata kienet?
   - Xħin kien?
   - X'għamlu meta raw l-għasfur?
   - X'kellu mhux tas-soltu l-għasfur?
   - X'għamlu Rita u l-ħabiba tagħha?

**5. Komponiment bl-istampi**

**Ikteb storja nteressanti dwar dawn l-istampi t'hawn taħt. Ara sew x'qed jiġri fl-istampi u ibni storja dwarhom.**



Marija u Rebecca marru jżuru lill-ħabiba tagħhom Miriam, u meta saru jafu li kienet marida, ġiethom ideja tajba. Irrakkonta din l-istorja skont l-istampi.